MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Numru 317/2006

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa)
vs
Dunstan Ebejer, iben Godfrey,
imwieled Pieta’ fit-30 ta’ jannar, 1983

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f’dawn il-Gżejjer, fl-10 ta’ marzu, 2006 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, fil-ħanut ‘C.L. Duke DVD Rentals’ fi Triq Sant’ Anton Abbati, kantuniera ma Triq E.B. Vella, Mosta xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew importa għal ħsieb ta’ kummerċ, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema mxebbħin b’qerq u cioe’ 185 ‘optical diskettes’ konsistenti f’DVDs.

2. talli fl-istess perjodu u ċirkostanżi, għal qliegħ, jew bi skop ta’ kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduċja jew ikkopja, jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta’ Malta jew taħtha;
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, barra li tinfliġġi l-piena skond il-liġi, tordna l-konfiska ta’ l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Lulju, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 298(1)(f) u 298B tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ mitt lira maltin (Lm100). Tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-oġġetti eżebiti. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------